MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 11/2019 LM

**Luigi Colucci,**
**detentur tal-karta tal-identità bin-numru AV9970879**
***(l-appellant)***

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
***(l-appellat)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **Luigi Colucci** mid-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"] mogħtija fid-29

ta’ Lulju, 2019, [minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”] fejn ġie miċħud l-appell interpost mill-appellant, filwaqt li ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni tal-intimat id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali.

**Fatti**

2. L-appellant jgħid li kien impjegat mas-soċjetà Brick Concepts Limited u fl-4 ta’ Mejju, 2018, hekk kif kien qed jaħdem fuq il-lant tax-xogħol ta’ Attard Bros. Co. Limited, weġġa’ serjament u sofra diżabilità ta’ natura permanenti. Huwa applika għall-Benefiċċju għall-Korriment permezz ta’ applikazzjoni li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali rċieva fl-14 ta’ Novembru, 2018, iżda tali applikazzjoni ma ntlaqatx mill-appellat għar-raġunijiet imfissra fl-ittra tas-26 ta’ Novembru, 2018.[1]

**Mertu**

3. L-appellant ippreżenta appell mid-deċiżjoni tal-appellat fis-17 ta’ Diċembru, 2018, fejn talab sabiex dik id-deċiżjoni tiġi annullata filwaqt li tiġi approvata u awtorizzata t-talba tiegħu għall-Benefiċċju għall-Korriment.

4. It-tweġiba tal-appellat ġiet ippreżentata lill-Arbitru fis-7 ta’ Frar, 2019, wara li ngħata tletin jum sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu, fejn issottometta li għar-raġunijiet hemm imfissra l-appell kellu jiġi miċħud.

[1] Dok. A anness mal-ittra tal-appellant tat-12 ta’ Diċembru, 2018.

## **Id-deċiżjoni appellata**

5. L-Arbitru wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi fl-appell odjern l-appellant qed jikkontesta id-deċiżjoni tad-DSS datata 26.11.18 fejn huwa ġie nfurmat illi huwa ma kienx intitolat għall-*injury benefit *peress illi ma kienx irreġistrat f'impjieg mal-Jobs Plus; ma kienx irreġistrat mas-Sigurtà Soċjali f'Malta u lanqas ma kellu numru tas-sigurtà soċjali u li l-applikazzjoni ġiet issottomessa tardivament min-naħa tiegħu.*

*L-appellant fl-appell tiegħu jgħid illi għal dak li għandu x'jaqsam mar-reġistrazzjoni tiegħu mal-JobsPlus, dan kien obbligu tal-employer tal-istess appellant u l-appellant ma jistax jaħti għal dan in-nuqqas. Inoltre a rigward il-fatt illi l-appellant ma kienx irreġistrat mas-Sigurtà Soċjali f'Malta, dan ma jipprekludix lill-appellant milli jibbenifika mill-benefiċċju odjern u t-talba saret tardivament stante illi l-appellant kien l-isptar.*

*Id-DSS fir-risposta tiegħu stqarr illi l-appellant ma jistax jibbenfika mill-benefiċċju odjern peress illi ma kienx irreġistrat mas-Sigurtà Soċjali f'Malta u inoltre l-applikazzjoni ġiet issottomessa tardivament min-naħa tiegħu u dana ai termini tal-artikolu 97(2) (a) tal-Kap 318.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-artikolu 28(1) tal-Kap 318 li jittratta il-benefiċċju għall-korriment jgħid illi: "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, **meta persuna assigurata** li ma tkunx għalqet l-età meta wieħed jirtira ssofri korriment persunali minħabba f'inċident li jiġri minħabba jew fil-kors ta' impieg tagħha jew xogħol li tagħmel għaliha nnifisha, jew ikollha xi waħda mill-mardiet specificati fl-ewwel kolonna tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att …"

*Illi* persuna assigurata *skont l-istess att tfisser* ***persuna mpjegata*** *jew persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha skont it-Taqsima II ta' dan l-Att;*

*Illi* persuna impjegata *tfisser persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' ħamsa u sittin sena u li tkun impjegata* ***f'impjieg assigurabbli;***

*Illi* impjieg assigurabbli *tfisser dak li huwa stabbilit fl-artikolu 5 tal-Kap 318 liema artikolu jgħid illi* għall-finijiet tal-Att, **kull impieg speċifikat fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, sakemm dan ma jkunx impjieg eċċettwat taħt it-Taqsima II ta' dik l-Iskeda, għandu jkun impjieg assigurabbli;**

***Ikkunsidra:***

*Illi ai fini tal-ewwel raġuni mogħtija mid-Direttur fejn ċaħad it-talba tal-appellant abbażi tal-fatt illi l-appellant ma kienx irreġistrat f'impjieg assigurat (skont ir-*records *tal-JobsPlus), l-Arbitru huwa tal-fehma illi sabiex id-Direttur seta' jistabbilixxi jekk l-appellant kienx* persuna assigurata *ai termini tal-artikolu 28(1) tal-Kap 318 id-Direttur kellu jistabilixxi tal-inqas li l-appellant kien persuna mpjegata hekk speċifikat fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kap 318.*

*Illi fil-fatt dan l-impjieg ma rriżultax mir-*records *uffiċjali tal-JobsPlus u l-appellant, min-naħa tiegħu ma' kkontestax dan il-fatt. Tant hu hekk illi l-appellant wieġeb għal dan bl-ewwel aggravju tiegħu fejn jgħid illi skont il-Liġi sussidjarja 343.23 l-obbligu li mpjegat jiġi rreġistrat mal-JobsPlus (kemm fil-bidu u kemm fit-tmiem tal-impjieg) huwa wieħed li kien jikkombi fuq l-*employer *u mhux fuq l-impjegat. Skont l-arbitru dan ftit li xejn jagħti konfort lill-appellant u dana għaliex l-appellant kellu kull dritt li jivverfika u jinsisti fuq din ir-reġistrazzjoni. Di più lanqas f'dawn l-atti l-appellant irnexxilu jipprova li huwa kien f'imjieg hekk kif trid il-liġi. Kulma hemm huwa kuntratt ta' impjieg* ***<u>mhux iffirmat</u>*** *li ċertament ma tikkostitwix prova tal-impjieg hekk kif trid il-liġi. Inoltre lanqas ma hemm prova ta' xi taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li seta' kien qed iħallas l-appellant per konsegwenza ta' dan l-Impjieg.*

*Għalhekk in vista tas-suespost l-arbitru iħoss li ma ġiex ippruvat illi l-appellant kien f'Impjieg u għalhekk ma hemmx il-ħtieġa sabiex jidħol fil-mertu dwar jekk l-appellant jikkwalifikax bħala* persuna assigurata *u dwar l-allegat tardività tal-applikazzjoni tal-appellant."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant intavola r-rikors tal-appell tiegħu quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Settembru, 2019, fejn talab sabiex tiġi revokata u mħassra d-deċiżjoni

appellata filwaqt li jiġi milqugħ l-appell tiegħu. L-appellant jgħid li jħossu aggravat b'dik id-deċiżjoni prinċipalment għaliex l-Arbitru naqas milli jikkonsidra lill-appellant bħala impjegat.

**Ir-risposta tal-appell**

7. Fir-risposta tiegħu l-appellat iwieġeb li l-appell huwa wieħed infondat fil-fatt u fid-dritt u d-deċiżjoni appellata għandha tiġi kkonfermata stante li hija waħda ġusta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. L-appellant iħoss ruħu aggravat fl-ewwel lok bil-fatt li l-Arbitru naqas milli jikkunsidrah bħala impjegat meta kien hemm prova fil-kuntrarju. Jilmenta mill-fatt li n-nuqqasijiet tal-prinċipal tiegħu waslu sabiex l-Arbitru ma kkunsidrax il-mertu tal-appell tiegħu. B'hekk huwa sofra żvantaġġ tassew kbir u sab ruħu f'sitwazzjoni prekarja meta l-liġi kienet proprju intiża sabiex tneħħi l-prekarjat. Jispjega li l-prinċipal naqas (a) skont ir-Regolament 4 tar-*Regolamenti dwar Informazzjoni lill-Impjegati* (L.S. 452.83) li jibgħat jew jagħti ittra ta' ingaġġ jew dikjarazzjoni ffirmata sa mhux aktar tard minn tmint ijiem tax-xogħol minn meta beda l-impieg, in vista tal-obbligu tiegħu ġaladarba l-kuntratt ta' impieg ma kienx ġie ffirmat; u (b) skont ir-Regolament 3(a) tar-*Regolamenti dwar id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li jibdew jew itemmu Impjieg* (L.S. 343.23) li jinnotifika lil JobsPlus bl-impieg tiegħu. L-appellant

jissottometti li l-fatt li huwa weġġa' fuq il-lant tax-xogħol kien prova li hu kien impjegat mas-soċjetà Brick Concepts Limited. Wara kollox, ikompli jgħid, kuntratt ta' impieg verbali huwa wkoll validu u għandu jiġi rikonoxxut. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jikkonferma dawk l-aggravji li kien diġà ressaq quddiem l-Arbitru u jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkunsidra l-istess u tilqagħhom.

9. L-appellat jilqa' billi jissottometti li mhux ċar x'inhu l-ilment tal-appellant u li dan ma kienx qed ikun konsistenti fil-verżjonijiet tiegħu. Jirrileva li l-appellant qed iqajjem kwistjonijiet ġodda f'dan l-istadju tal-appell meta skont il-ġurisprudenza tagħna dan ma kienx permessibbli, u hawnhekk filwaqt li jsemmi r-referenza li jagħmel l-appellant għar-Regolament 4 tal-L.S. 452.83, jiċċita diversi sentenzi tal-qrati tagħna in sostenn tal-argument tiegħu. Jissottometti għalhekk li l-argumenti tal-appellant fil-premessi numri 11, 12, 14, u 15 tar-rikors tal-appell tiegħu għandhom jiġu skartati. Iżda jgħid li mingħajr preġudizzju għal dan kollu, kien jispetta lill-appellant li juri li skont ir-Regolament 2 tal-istess L.S. 452.83 huwa għandu jiġi meqjus bħala persuna impjegata bi ħlas u għalhekk kienet applikabbli fil-konfront tiegħu dik il-liġi sussidjarja. Jirrileva wkoll li minkejja li kellu kull opportunità li jagħmel dan, l-appellant naqas milli jressaq prova dwar l-allegazzjonijiet li l-prinċipal naqas mill-obbligi tiegħu u naqas ukoll li jressaq prova li huwa kien 'persuna impjegata' skont it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem "l-Att"). Dwar it-tieni aggravju mressaq mill-appellant fejn qed jikkonferma l-aggravji tiegħu kif miġjuba quddiem l-Arbitru u fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tilqa' dawk l-aggravji, l-appellat jissottometti: (a) l-appellant kellu jġib prova *ai termini* tal-liġi ta' Malta u dik

Ewropea illi huwa mhux obbligat li jħallas kontribuzzjonijiet hawn Malta; (b) ġaladarba l-appellant ma kienx reġistrat bħala impjegat, l-appellat ma setax jagħtih numru tas-sigurtà soċjali biex iħallas il-kontribuzzjonijiet hawn Malta; (ċ) l-appellant kien ħalla ż-żmien jgħaddi inutilment qabel ma applika għall-benefiċċju.

10. Fid-deċiżjoni appellata l-Arbitru llimita ruħu għal indaġini dwar jekk l-appellant kienx f'impieg, proprju għaliex l-ewwel raġuni li ta l-appellat fid-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru, 2018, sabiex jiċħad it-talba għall-ħlas tal-Benefiċċju għall-Korriment, kienet li l-appellant ma kienx reġistrat ma' JobsPlus f'impieg assigurat. L-Arbitru kkunsidra li s-subartikolu 28(1) tal-Kap. 318 li jipprovdi għall-Benefiċċju għall-Korriment jirreferi għal *"persuna assigurata"* u skont l-istess Att it-tifsira ta' *"persuna assigurata"* kienet ta' *"persuna impjegata"* jew kull persuna oħra li timpjega lilha nnifisha jew li taħdem għaliha nnifisha skont it-Taqsima II ta' dak l-Att. L-Arbitru rrileva li ma kienx irriżulta lill-appellat li l-appellant kien impjegat skont ir-*records* uffiċjali ta' JobsPlus, fatt mhux ikkontestat mill-appellant stess, u l-imsemmi appellant lanqas ressaq prova tal-impieg tiegħu għajr għal kuntratt mhux iffirmat. L-Arbitru nnota wkoll, li l-appellant ma ġab l-ebda prova li huwa kien iħallas xi taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħala konsegwenza tal-allegat impieg tiegħu. B'hekk l-Arbitru ċaħad l-appell u ma kompliex jikkunsidra l-mertu.

11. Din il-Qorti tikkunsidra d-deċiżjoni tal-Arbitru bħala waħda tajba. L-Arbitru fid-deċiżjoni appellata mill-ewwel irrefera għal dak li jipprovdi l-Kap. 318 taħt is-subartikolu 28(1) tal-Att, jiġifieri li persuna assigurata ta' età mhux

pensjonabbli u li ssofri korriment fl-impieg tagħha hija intitolata għall-ħlas ta' Benefiċċju għall-Korriment. Issa fil-kuntest odjern, u kif tajjeb ikompli jikkunsidra l-Arbitru, skont l-artikolu 2 tal-istess Att, "*persuna assigurata* " hija *"... persuna mpjegata ..."* li hija *"...persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' ħamsa u sittin sena u li tkun impjegata f'impieg assigurabbli".* It-tifsira ta' *"impieg assigurabbli*" hija mogħtija fl-artikolu 5 tal-Att li jgħid li kull impieg taħt it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda tal-Att sakemm mhux eċċetwat permezz tat-Taqsima II, huwa impieg assigurabbli, u l-artikolu 1 ta' din l-Ewwel Skeda jgħid hekk:

> *"Impiegi f'Malta taħt kull kuntratt ta' servizz jew taħriġ bħala apprendista, bil-miktub jew orali, u sew espress jew mifhum, li jinkludi impieg minn jew taħt il-Gvern ta' Malta.".*

12. Fil-każ odjern ma jirriżulta l-ebda kuntratt ta' servizz bil-miktub bejn l-appellant u s-soċjetá Brick Concepts Limited, li l-imsemmi appellant jallega kien impjegat magħha, wisq anqas jirriżulta ftehim ta' impieg verbali bejniethom. Il-Qorti ma tistax tqis bħala prova l-kuntratt ippreżentat mill-appellant għaliex dan mhux iffirmat u ma tressaq l-ebda rappreżentant tas-soċjeta Brick Concepts Limited sabiex jikkonferma l-validità ta' dak il-kuntratt jew li almenu li kien hemm ftehim verbali mal-appellant dwar l-impieg tiegħu. Dan kollu jikkunsidrah l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu u saħansitra jgħid li l-appellant ukoll ma ressaq l-ebda prova ta' ħlas ta' taxxa jew ta' kontribuzzjonijiet soċjali konnessi mal-allegat impieg tiegħu. Il-Qorti tqis li l-Arbitru għalhekk eżawrixxa sew il-kwistjoni jekk l-appellant jistax jitqies bħala impjegat. Tqis li l-konklużjoni tal-Arbitru li l-appellant ma jistax jiġi kkunsidrat bħala persuna f'impieg, bħala waħda tajba. Fil-kuntest huma irrilevanti is-

sottomissjonijiet tal-appellant li l-persuna li kienet tħaddmu naqset mill-obbligi tagħha skont l-L.S. 343.23 u l-L.S. 452.83 u kien proprju l-obbligu tal-appellant li jassigura li l-kuntratt tax-xogħol jiġi ffirmat u fin-nuqqas li l-ftehim verbali jiġi komunikat lilu bil-miktub. Iżda l-appellant ma offra l-ebda spjegazzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet u dwar jekk hu għamilx xi ħaga biex isewwi s-sitwazzjoni prekarja tiegħu. Meħud dan inkonsiderazzjoni, ma jistax l-appellant għalhekk jippretendi li kienet proprju d-deċiżjoni tal-Arbitru li ma tikkunsidrahx bħala impjegat li waslet għal sitwazzjoni prekarja, b'mod li huwa sofra preġudizzju tassew, filwaqt li ġie favorit min suppost kien iħaddmu. Irrilevanti wkoll huwa dak li jgħid li l-fatt li korra fuq il-lant tax-xogħol u ressaq talba għall-ħlas tal-Benefiċċju għall-Korriment kien prova tal-impieg tiegħu, għaliex hawn ukoll l-appellant naqas li jressaq prova dwar fejn u kif sar il-korriment. Jiġi osservat ukoll li saħansitra anki l-applikazzjoni għall-ħlas tal-Benefiċċju għall-Korriment mhix iffirmata mis-soċjetà li allegatament kienet tħaddmu. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-ewwel aggravju tal-appellant mhux ġustifikat u tiċħdu.

13. Tgħid ukoll li sewwa ddeċieda l-Arbitru li ma kien hemm l-ebda lok li jiġi kkunsidrat jekk l-appellant kienx *"persuna assigurata"* u jekk l-applikazzjoni tiegħu għall-Benefiċċju għall-Korriment kinitx tardiva. Ġaladarba l-appellant ma jistax jiġi kkunsidrat bħala impjegat, ma jistax skont l-artikolu 2 tal-Att jiġi kkunsidrat bħala *"persuna assigurata"* u inutli għalhekk li jiġi mistħarreġ jekk l-applikazzjoni tiegħu kinetx tardiva jew le.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**